**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta’ Novembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 226/08 AL

A B
ID 22465 M

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li permezz tieghu jippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tmienja (8) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (1994), fil-Knisja tal-Kapuccini l-Furjana, skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A ‘ ;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, cioe' D B, illi twieled fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998), liema tifel illum ghandu disa' snin, skont ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B ' ;
3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament ta' l-istess intimata, kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza odjerna ;
4. Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi ohra, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
5. Illi r-rikorrent irrikora ghal medjazzjoni, ai termini ta' l-Avviz Legali 397/2013. Il-medjazzjoni inghalqet peress illi l-ebda ftehim ma ntlahaq u r-rikorrent inghata l-awtorizazzjoni biex jipprocedi permezz tad-Digriet Numru 615/08 moghti minn din il-Qorti, hawn anness u mmarkat bhala Dok B ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna d-divorzju bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimata u senjatament adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi ohra fil-konfront tar-rikorrent, u in subordine ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;
2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D B esklussivament lir-rikorrent;
3. Tawtorizza lir-rikorrent jghix separat mill-intimata martu;
4. Tapplika kontra l-intimata l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tillikwida u tiddikjara xolt il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
6. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f'dawk il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorendo bil-hatra ta' periti nominandi;
7. Tawtorizza lir-rikorrent jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet;

1. Illi l-esponenti taqbel li tigi pronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet lilha imputabbli stante li t-tortijiet huma unikament tal-attur stante sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi minnu kommessi fil-konfront taghha u li l-esponenti ghalhekk qed tressaq id-debita kontro talba skont il-Ligi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-generalita tal-ewwel eccezzjoni hi tichad l-allegazzjoni ta' adulterju maghmula fil-konfront taghha kif ukoll tichad li hija responsabbli ghall-firda;
3. Illi it-tieni talba ghandha tigi michuda stante li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jigi fdat unikament f'idejn ir-rikorrenti kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
4. Illi hemm qbil mat-tielet talba tal-attur u cioe' li jigu awtorizzati li jghixu separatament;
5. Illi r-raba (4) talba attur ghandha tigi michuda stante li l-esponenti ma ikkominatx f'ebda dekadenza u l-artikoli citati m'ghandhomx jigu applikati kontriha;
6. Illi l-esponenti taqbel mal-hames (5) u mas-sitt (6) talbiet attur purche li tigi stabillita data li minn dik id-data 'il quddiem l-attur jitqies li jkun iddekada minn kull jedd li ghandu jew jista ikollu ghall-akkwisti maghmula mill-esponenti skont il-Ligi;
7. Hemm qbil dwar is-seba' talba attur;
8. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ Dicembru tas-sena elf, disa’ mija u erbgha u disghin (1994) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku D, imwieled fis-sebgha (7) ta’ Lulju tas-sena elf, disa’ mija u tmienja u disghin (1998) skont kif jirrizulta mic-certifikati annessi mar-Rikors Guramentat u immarkati Dok A u Dok B;
2. Illi il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-attur kontra l-esponenti u/jew minhabba li tkissret irrimedjabbilment;
3. Illi l-esponenti qed tipprevali ruhha mill-jedd li tipprocedi f’din l-istanza wara l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Qorti kompetenti fl-ismijiet inversi (Dok B) anness mar-Rikors Guramentat fuq premess;
4. Illi l-partijiet huma separati *de facto* wara li l-attur gieghelha titlaq mir-residenza taghhom proprjeta ta’ terzi kontra il-volonta taghha kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
5. Illi r-rikonciljazzjoni mhix possibbli u ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-attur;

## TALBIET RIKONVENZJONALI TAL-KONVENUTA

Talab li l-attur rikonvenzjonat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-attur rikonvenzjonat ta’ sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-esponenti kif fuq premess, u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;
2) Taffida l-minuri D B fil-kura u kustodja esklusiva tal-esponenti ommu b’dawk il-provvedimenti kollha opportuni ghall-ahjar interess tal-minuri;
3) Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri u tordna lill-attur sabiex jhallas dik ir-retta hekk stabbilita ghall-wild minuri skont il-Ligi b’zieda perjodika ghall-gholi tal-hajja u bi hlas dirett mill-paga tal-attur;
4) Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi

jigu assenjati lill-partijiet liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala id-data meta l-attur jigi ikkonsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti skont il-Ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5) Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti id-disposizzjonjiet ta' l-artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. tal-Ligijiet ta' Malta);
6) Tordna lill-attur sabiex ihallas jew jikkonsenja lill-esponenti skont il-kaz il-krediti u proprjeta' parafernali u personali taghha;

Bl-ispejjez – inkuzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni – kontra l-attur rikonvenzjonat ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet lilu imputabbli u dan ghaliex it-tkissir taz-zwieg huwa rizultat tal-intimata C B wahida u dan ghaliex fost affarijiet ohra ikkommettiet adulterju, kif ukoll minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi maghmula mill-intimata fil-konfront tal-esponenti kif ukoll peress li hija ma komplietx turi r-responsabilitajiet tal-hajja konjugali;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jichad b'mod kategoriku li huwa kkometta xi eccessi, sevizzi jew ingurji fil-konfront tal-mara tieghu izda kienet hija li ghamlet dawn l-affarijiet minghajr ma hadet xi konsiderazzjoni ta' kif kienet qeghda tumilja lill-esponenti bil-komportament taghha sahansitra anke ppruvat iccahdu mis-sehem tieghu ta' proprjeta kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u f'ebda hin r-rikorrenti gieghel lill-intimata

sabiex titlaq mir-residenza taghhom izda kienet l-ghazla libera taghha li taqbad u titlaq;

3. Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda ghaliex binhom D B jhossu aktar komdu u ferhan fid-dar fejn jghix l-esponenti li ghandu aktar ghal qablu l-interess ta' ibnu kif anke ser jirrizulta waqt il-provi li ser jingiebu;
4. Illi l-esponenti joggezzjona ghat-tielet talba peress li l-intimata ghandha salarju ferm tajjeb u ghaliex fil-granet li D ikun mieghu hu jiehu hsieb l-htigijiet kollha li jkollu bzonn;
5. Illi hemm qbil ghar-raba talba li qeghda ssir mill-intimata fil-kontro-talba taghha u dan minghajr ma qeghda ssir xi qbil li l-firda giet ikkagunata mill-esponenti minhabba il-komportament taghha anke wiehed ta' adulterju u ghalhekk dina il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatti meta tigi sabiex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti;
6. Illi l-esponenti joggezzjona ghall-hames talba anzi id-disposizzjonijiet citati mill-intimata rikonvenzjonata ghandhom jigu applikati u impost b'mod rigidu kontra l-intimata stess kif hemm fir-raba talba tar-rikors guramentat tal-esponenti;
7. Illi ma hemmx qbil dwar is-sitt talba peress li l-intimata hadet l-oggetti kollha personali u parafernali taghha;
8. B'rizerva ghar-ragunijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-istess intimata rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, rat id-dokumenti li gew prodotti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat id-digriet tagħha tal-lum stess it-3 ta' Novembru 2016, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attur" u għal C B bħala l-"intimata" u/jew il-"konvenuta" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, sostitwita b'kawża ta' divorzju. Illi l-intimata wkoll tressaq it-talbiet tagħha permezz tal-appożita kontro-talba.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għall-kontro talba li permezz tagħhom il-partijiet jelenkaw x'inhuma l-pretensjonijiet tagħhom fil-kawża odjerna.

L-attur jitlob li l-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimata minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi u inġurji gravi, u subordinament għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri D B, jikkontendi li għandu jiġi fdat esklussivament bil-kura u l-kustodja tiegħu;
- Tawtorizza lir-rikorrent jgħix separatament minn martu;
- Tapplika l-Artikoli 48 sa 51 fil-konfront tal-intimata;
- Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti u taqsamha;

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Fil-waqt illi l-konvenuta rikonvenzjonata titlob lill-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attur minħabba sevizzi, eċċessi u inġurji gravi, u/jew għax iż-żwieġ tkisser irrevokabbilment;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri D, tikkontendi li għandha tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tiegħu;
- Takkorda manteniment għal binha minuri;
- Tittermina il-komunjoni tal-akkwisti u taqsamha;
- Tapplika l-Artikoli 48 u 51 fil-konfront tal-attur;
- Tordna li l-attur iħallas jew jikkonsenja lill-konvenuta l-krediti u propjeta` parafernali tagħha;

## 1. <u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

Il-partijiet jattribwixxu reċiprokament lil xulxin diversi tortijiet fit-tkissir taż-żwieġ fosthom sevizzi, eċċessi u inġurji gravi. Inoltre, l-attur jgħid li martu hija ħatja ta' adulterju. Dawn kollha, jekk ippruvati, huma raġunijiet validi li jistgħu jagħtu lok għas-separazzjoni personali.

### 1.1 Dwar l-Adulterju

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attur jibbaza l-azzjoni tiegħu għas-separazzjoni minn ma' martu fuq l-adulterju. L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[2] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[3]

---

[2] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[3] <u>Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass</u>, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[4] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

L-attur huwa konvint li martu wettqet adulterju u dana stante li f'okkażjoni waħda huwa daħal fil-bagoll tal-karozza misjuqa minn martu biex seta' jiskopri jekk tiltaqax ma ċertu Pawlu n-nugget, wara li mill-messaġġi tagħha sar jaf, illi kellha tiltaqa' miegħu. Fil-fatt, martu saqet lejn id-Dwejra fil-limiti tar-Rabat u waslet f'dan il-post imwarrab mingħajr ma naqqset il-veloċita jew staqsiet għad-direzzjoni. Meta waslet, staqsiet fejn setgħet tipparkja u niżżlet mill-vettura. F'dal-punt, l-attur ħareġ minn ġol-bagoll u ra lil dan Pawlu ħdejn il-kamra tiegħu, bil-bieb miftuħ, jistenna lill-konvenuta tidħol. Pawlu immedjatament qallu li l-affarijiet ma kienux kif kien qed jaħseb hu, iżda l-attur daħħal lil martu fil-karozza u saq lura lejn Ħal-Qormi. Meta kkonfronta lil martu jekk riditx titilqu biex tmur ma' dan ir-raġel, hija qaltlu li tagħmel li trid.

Inoltre, l-attur huwa konvint li martu wettqet adulterju minħabba li l-ħin kollu tibgħat il-messaġġi. Fi kliemu, "*Nżid li hija matul dawn l-aħħar snin kienet dejjem għaddejja tibgħat il-messaġġi anke bil-lejl u l-mobile tagħha ma tavdahx imkien u tħassar kull messaġġ li tibgħat jew li tirċievi.*"[5] Isostni li martu kellha paġna fuq il-Hi5 fejn kien hemm ritratti u kliem kollu doppju sens. "*Iżda hija fil-waqt li ammettiet li kien hemm dina l-paġna hija qaltli li dak kollu kien ċajta*."

---

[4] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)
[5] Affidavit ta' A B fol. 25

"*Jiena kont ċert li hija kellha l-kunfidenzi ma' persuna ta' sess maskili li jaħdem fil-poliklinika tar-Rabat. Dan nafu għaliex hija ammettiet ma' Graziella Abela waqt li kienet tiċċhettja magħha. Marti kienet qaltilha li dan huwa happy go lucky u ma jitkellem ma' ħadd xi nkunu għamilna. Ħabibtha kienet wissietha li aħjar toqgħod attenta għaliex kien hemm waħda taħdem ma' marti li tparla ħafna u malajr tikxifha u hi qaltilha ma jimpurtani xejn minn dan*." L-attur ikompli jikkonferma li martu kienet qed twettaq adulterju għaliex waqfet milli torqod fl-istess sodda u bdiet torqod fuq is-sufan. Iktar tard matul il-proċeduri xehed "*Rajtha ma' raġel ieħor għaddejja bil-karozza.*"[6]

Minkejja li indizji huma biżżejjed sabiex jiġi ppruvat l-adulterju, tali ndizji jridu jkunu gravi biżżejjed sabiex ma jħallu ebda dubju f'moħħ il-ġudikant. Fil-każ odjern, minkejja li l-aġir tal-konvenuta kien wieħed ferm suspettuż, u dwar dan il-Qorti telabora iktar 'il quddiem f'din is-sentenza, l-istess aġir m'huwiex tali li l-Qorti tista' tkun moralment konvinta li l-konvenuta wettqet adulterju. Dwar l-okkażjoni fejn l-attur staħba ġol-bagoll tal-karozza ta' martu, il-Qorti ma taqbilx mal-attur li dak in-nhar huwa sab lil martu twettaq adulterju. Kull ma skopra kien li martu kellha appuntament ma' raġel. Ma kinitx familjari mal-post, kif jinsisti l-attur, għaliex staqsiet fejn setgħet tipparkja. Il-fatt li kienet qed issuq b'veloċita huwa attribwibbli għall-fatt li rriżulta li hija kienet qed issegwi lill-istess raġel u mhux li kienet familjari mal-post. *"Ħriġt mill-bagoll u sibt lil marti u lil dan Pawlu fil-bieb tal-kamra li kienet miftuħa u rajthom deħlin fiha."* In kontro-eżami, l-attur ikkonferma lil martu qatt ma raha titbewwes. Huwa fl-ebda punt ma raha taqsam intimita ma' persuna oħra. "*Dakinhar veru li ma rajthiex dieħla fil-kamra, smajt lilu jgħidilha pparkja fejn trid u rajtu jiftaħ il-bieb tal-kamra u jistedinha biex tidħol."* Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jippruvax l-adulterju b'mod konkret.

Għalhekk il-Qorti ma tħossx li dan l-aggravju vantat mill-attur, effettivament ġie ppruvat mill-istess attur, fil-grad ta' prova rikjest mill-liġi.

---

[6] Kontro-eżami tal-attur, seduta tas-27 ta' Novembru 2013, fol. 844

### 1.2. Dwar l-eċċessi, moħqrija u offiżi gravi

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[7] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[8] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[9], bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[10]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew*

---

[7] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[8] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[9] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[10] Vol. XLV C.ii.708

*atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-**inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

Fil-każ in eżami, m'hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenuta, kif irrakkontat mill-attur u ġia rrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni insapportabbli u rriżulta f'moħqrija u nġurji gravi fil-konfront tal-attur. Il-Qorti tirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn Ignazia Degabriele[11],qariba tal-konvenuta u li l-partijiet għexu magħha għal numru ta' snin. Dina tgħid li minn Diċembru 2007 C bdiet torqod fuq is-sufan fil-living room, kienet tagħmel ħinijiet twal fuq il-kompjuter b'mod partikolari meta żewgha kien ikun xogħol ta' bil-lejl. Fl-off days tagħha kienet toħroġ minn fil-għodu sakemm jiġi lura binha mill-iskola. Tikkonferma li C ma kinitx tafda l-mobile tagħha u li kien dejjem f'idejha, u dejjem iżżommu silent biex huma ma jindunawx li kienet qed tirċievi u tibgħat il-messaġġi.

Inoltre il-Qorti tirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn John Cordina[12], kollega tal-konvenuta, fejn dan ikkonferma li l-konvenuta kienet tiċċettja ma' nies barranin li ma tafhomx u li dawna ġieli bagħtulha xi ritratti. Uħud minn dawn iċ-chats jinsabu esebiti[13] minn fejn jirriżulta illi ċ-chatroom kien jisimha "Married but looking for no-strings relationship." L-attur jixhed[14] ukoll illi fl-2008 martu kienet qed tara affarijiet mhux xierqa fuq l-internet, bħalma huma ritratti ta' raġel bla ħwejjeġ u kummenti baxxi jistiednuha għal provokazzjoni sesswali, bħalma huwa d-

---

[11] Affidavit fol.30

[12] Mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, fol. 37 et seq. u fil-5 ta' Novembru 2009 fol. 51 et seq.

[13] fol. 59 et seq. tal-proċess

[14] Xiehda tal-1 ta' Lulju 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien, fol. 177

dokument GC1 illi jgħid: "I'm naked & waiting for you right now! Cum in!" Inoltre l-attur jixhed illi l-intimata talbitu diversi drabi biex jitlaq u jgħixu ftit żmien mifrudin minn xulxin.

Min-naħa tagħha, l-konvenuta tilmenta mill-aġir possessiv ta' żewġha u mill-għira li kien ibaghti minnha. Tispjega[15] kif dana kienet ġietu l-għira għax kellmet raġel bit-telefon waqt li kienet fuq is-sodda, kif ma setgħetx titbaxxa fit-triq u lanqas timxi 'l isfel mill-bankina. Il-konvenuta tilmenta li ma kienx ħallieha ġġib il-liċenzja tas-sewqan, u minkejja dan ma kienx joffrilha li jwassalha xi mkien, anzi kien joġġezzjona li jwassalha ħaddieħor. Tixhed illi hu kien jgħidilha *"daqs kemm bżajt ill jidħol xi ħadd f'nofsna, illi ssikkajtek iżżejjed u li fgajtek u ġieni agħar."* Oħt C, Connie Tonna, xehdet li C fetħet qalbha magħha u qaltilha li ma setgħetx tissaporti iktar lil A li kien kontinwament imaqdarha, ma jagħtihiex flus u li għalhekk kienet qed tħossha ssikkata ħafna.

L-atteġġjament tal-attur li jrid joħnoq il-liberta` ta' martu, hija korraborata mhux biss mix-xiehda li ġja saret referenza għaliha iżda wkoll mill-attitudni tiegħu fil-proċeduri odjerni. Partikolarment il-Qorti tirreferi għar-rikors tal-konvenuta[16] fejn talbet lill-Qorti tordna lil żewġha jgħaddilha waħda miż-żewġ vetturi taż-żwieġ li kienu t-tnejn fil-pussess tiegħu. Fir-risposta tiegħu[17], l-attur talab iċ-ċaħda tat-talba tal-konvenuta li tingħata vettura għaliex bil-karozza l-konvenuta "*jista' ikollha l-liberta u l-mobilita meħtieġa sabiex tkun tista' toħroġ...u tkun tista' tittardja kemm trid u tidħol x'ħin trid"*. Huwa evidenti li l-attur fil-waqt li huwa kellu kull liberta` li jmur fejn u fi x'ħin irid, ried inaqqas l-istess liberta` ta' martu u dan meta ġja *de facto* separati u għaddejjin bil-proċeduri tas-separazzjoni . . . aħseb u ara fiż-żwieġ!

Il-konvenuta tilmenta wkoll mix-xeħħa ta' żewġha fis-sens illi hu ma kienx jagħtiha mill-paga tiegħu u għalhekk hija kella tlaħħaq mal-ħajja ta' kuljum, mal-kontijiet u mal-bżonnijiet ta' binhom. "*Jiena bqajt nieħu ħsieb l-ispejjeż kollha li kellna għall-familja.*

[15] L-affidavit tal-konvenuta C B jinsab esebit fol. 745 et seq.
[16] Rikors ippreżentat fis-17 t'April 2009, fol. 41
[17] Ippreżentata fit-22 ta' Mejju 2009, fol. 44

*Jiena anke overtime kont nagħmel biex forsi naqla' xi ħaġa żejda għall-familja.*"[18] Iżżid "*Matul is-snin li għamilna miżżewġin, A qatt ma' għinni finanzjarjment fit-tifel.*" Tgħid li minkejja li A kien baqa' mhux kuntent bil-paga li kellu, xorta waħda ma kienx irnexxielu jsib part-time u jżommu.

Dwar dan tixhed ukoll oħt il-konvenuta, Connie Tonna, li fl-affidavit tagħha[19] spjegat kif oħtha kienet dejjem tħabrek u taħdem imma A ma' kienx lanqas xtaq isib part-time. Huwa kellu ħafna passatempi u lanqas fid-dar ma' kien jagħmel xejn. Omm il-konvenuta tgħid li Gejtu, l-attur, kien qalilha jekk bintha (ossia l-konvenuta) kinitx tippretendi li jmantnilha lil binha hu.[20]

Illi f'diversi sentenzi tal-Qrati fosthom Speranza Salerno vs. Giuseppe Salerno[21], ġie ritenut:- *"che l'avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale".* Fis-sentenza Josephine Bonello pro. et noe. vs. John Bonello[22] jingħad illi *"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili"*.

L-attur jiċħad l-allegazzjoni ta' martu u jgħid li huwa kien iħalli l-kontijiet bankarji f'idejn martu. "...*kont niddiskuti magħha li aħna naħdmu t-tnejn u tajjeb li nibżgħu għal flusna speċjalment meta konna ser nibnu d-dar tagħna fuq l-arja ta' Ignazia Degabriele.*

---

[18] Fol. 750

[19] Fol 947. Et seq.

[20] Affidavit ta' Ċensina Calleja. Fol 852.

[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1933, Vol. XXVIII F p.44,kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta` Novembru 1999, kif rappurtata fis-sentenza Tanya Montesin pro. et noe. vs. Emmanuel Montesin, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1311/2000/1RCP)

*Hija dejjem kienet tgħidli li l-flus tagħha taħdem għalihom hi u tagħmel bihom dak li jogħġobha. Minkejja dan, hija kienet tilmenta miegħi li ma kienx iservu l-flus u dejjem tkun trid aktar."*[23]

Il-Qorti tirrileva wkoll, fid-dawl illi l-attur ripetutement iddikjara, sija fil-proċeduri odjerni u sija meta tkellem max-xhieda prodotti, li qabad lil martu ma' raġel ieħor, li huwa assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi meta wieħed mill-konjuġi jakkuża, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbagħad dawn ma jiġux provati lanqas permezz ta' xi ndizji preċiżi u konkordanti, dan jikkostitwixxi inġurja gravi, li anke waħedha tagħti lok għas-separazzjoni.[24]

Iż-żewġ partijiet jattribwixxu lil xulxin **eċċessi** illi skond huma wasslu għat-tkissir tal-ħajja matrimonjali tagħhom. Pero` s-sentenza ġja ċċitata, fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, stabbiliet illi skond il-ġurisprudenza lokali, *"eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira state illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*. Fil-każ in eżami ma jirriżultax illi kien hemm inċidenti bejn il-partijiet li jipperikolaw il-ħajja tal-konjuġi kif inhuwa meħtieġ għall-provi tal-eċċessi.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtijiet reċiproċi ta' moħqrija u inġurji gravi, u wkoll stante illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment.

## 1.3 Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

[23] Affidavit tal-attur A B, fol. 25

[24] Fis-sentenza Vella Marthese pro. et noe. vs. Vella George, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 2466/1996/1PS), il-Qorti ċċitat is-segwenti sentenzi: Sarah Formosa vs. Harry Formosa, Appell Ċivili, 6 ta' Ġunju 1969; Dr. Victor Randon vs. Josephine Randon, Appell Ċivili, 19 ta' Novembru 1976; Doris Mizzi vs. Mario Mizzi, Appell, 19 ta' Mejju 2000;

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[25]

Dwar it-talba għad-divorzju, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom de facto separati għal iktar minn tmien snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

## 2. <u>Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri D</u>

Illi iben il-partijiet, D, twieled fis-7 ta' Lulju 1998[26] u dana għaldaqstant ifisser illi f'Lulju tas-sena korrenti, D għalaq it-tmintax-il sena u għalhekk sar maġġorenni. In vista ta' dan, ikun superfluwu li l-Qorti tiddeċiedi dwar il-kura u l-kustodja ta' D, iżda ser tkun qiegħda tastjeni milli tagħti deċiżjoni dwar dan.

[25] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[26] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 6 tal-proċess

3. **<u>Dwar il-Manteniment</u>**

Ħadd mill-partijiet m'huwa jitlob manteniment għalih personali mingħand il-parti l-oħra.

Il-konvenuta qiegħda titlob manteniment għal binha D. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha hija tippretendi wkoll l-arretrati u dana stante li l-attur qatt ma vversalha xi flus għal binhom.

L-Artikolu 7(1) ta' Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu,[27] ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

---

[27] Jirriżulta illi l-partijiet naqilgħu pagi kważi ugwali:
L-intimata, fil-kapaċita` tagħha ta' Nurse fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, (ara employment history maħruġ mill-ETC. fol. 840) fl-2008, qalgħet is-somma ta' €17,531.17 gross, li meta tnaqqas €1760 taxxa u €1382.68 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali, jħalli introjtu nett ta' €14,388.49. Fl-2009, qalgħet gross ta' €18569.13, li meta tnaqqas €1917 taxxa u €1438.84 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali, jħalli introjtu nett ta' €15,212.29. Fl-2010, qalgħet gross ta' €22,055.74, li meta tnaqqas €3045 taxxa u €1496.04 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali, jħalli introjtu nett ta' €17,514.70. (Ara FS3s esebiti fol. 239 u 268 tal-proċess)
L-attur huwa ngaġġat mal-Forzi Armati ta' Malta u ilu hekk mill-1992. (ara employment history maħruġ mill-ETC. Fol. 838) Dwar l-introjtu tiegħu huwa jgħid li jaqla' elf Ewro jew elf u mija mix-xogħol tiegħu mal-immigration. (Kontro-eżami ta' A B, Seduta tas-27 ta' Novembru 2013, fol. 845).

Jirriżulta illi fil-kawża odjerna, l-minuri kien qiegħed iqatta' ħin ugwali bejn il-partijiet. Il-partijiet jaħdmu t-tnejn bix-xift, b'tali mod li meta taħdem l-omm, it-tifel ikun mal-missier, u meta jaħdem il-missier, it-tifel ikun mal-omm. *"It-tifel jidher li sejjer tajjeb b'dan l-arranġament għaliex qiegħed igawdi lill-ġenituri tiegħu t-tnejn."*[28] "*Preżentement D iqatta ħin kemm ma' ommu u kif ukoll ma' missieru. Meta missieru jkun xogħol hu jkun qiegħed ma' C u vice-versa għaliex C u A irranġaw ix-shifts tagħhom sabiex ikollhom t-tnejn ħin mat-tifel.*"[29]

Rigward il-manteniment tat-tifel, il-konvenuta, fl-affidavit tagħha tgħid hekk: *"Preżentement jiena u A nżommu lit-tifel b'mod ugwali. Jekk it-tifel ikun miegħi jiena nieħu ħsieb ta' dak illi jkollu bżonn u jekk it-tifel ikun qiegħed ma' A jieħu ħsieb hu, Jekk aħna jkollna spejjeż tal-iskola, aħna naqsmu bin-nofs bejnietna."*[30]

Jidher li dan l-arranġament baqa' viġenti fil-kors tal-proċeduri, u li l-partijiet kienu kuntenti bih, għaliex fl-ebda stadju xi parti ma talbet lill-Qorti sabiex tistabilixxi ħlas ta' manteniment *pendente lite*. Kien biss f'dan l-istadju aħħari, li l-konvenuta ressqet din il-pretensjoni tagħha. Jirriżulta veritier illi l-attur qatt ma vversa somma flus lill-konvenuta bħala manteniment għall-minuri D. Iżda fil-fehma tal-Qorti, ma kellux għalfejn jagħmel dan, in vista tal-fatt li l-attur kien qiegħed jgħajjex lil ibnu, b'mod ugwali daqs martu. Għaldaqstant, m'hemmx lok ta' ħlas ta' arretrati ta' manteniment.

Rigward il-manteniment futur ta' D, tenut kont illi dan illum għandu l-eta` tiegħu u tenut kont li ma tressqet l-ebda prova jekk huwiex ser ikompli l-istudji tiegħu b'mod fiss, ai termini tal-Artikolu 2(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti m'hix ser tagħti provvediment.

---

[28] Xiehda ta' Connie Tonna, oħt il-konveuta, affidavit fol, 850

[29] Affidavit ta' Ċensina Calleja, fol. 853

[30] Fol. 752

## 4. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Jirriżulta li l-konjuġi għandhom żewġ vetturi: Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni JUL798 u Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni GDM171[31].
Inizjalment dawna t-tnejn kienu reġistrati f'isem l-attur. Il-Fiat Punto ġiet ikkonsenjata lill-konvenuta b'ordni tal-Qorti, ossia digriet datat 21 ta' Lulju 2009[32], wara li fil-bidu tas-separazzjoni dana kien ħa l-pussess tagħha u żammha msakkra ġo garage. B'effett mid-19 t'Awwissu 2009, din il-vettura ġiet reġistrata f'isem il-konvenuta.[33]

Il-karozzi ntxraw it-tnejn fiż-żwieġ u l-pagamenti kienu joħorġu mill-kont tal-attur filwaqt li l-konvenuta kienet tħallas il-pagamenti tal-kċina.[34]

Dwar il-kontijiet bankarji, mal-Bank of Valletta p.l.c., l-attur għandu żewġ kontijiet (BOV 1 u BOV 2), il-konvenuta għandha ħames kontijiet (BOV 3 sa BOV 7) filwaqt illi l-partijiet flimkien għandhom sitt kontijiet konġunti (BOV 8 sa BOV 13).

Mal-HSBC Bank Malta p.l.c., il-konvenuta għandha żewġ kontijiet (HSBC 1 u HSBC 2) u l-partijiet għandhom tliet kontijiet konġunti (HSBC 3 sa HSBC 5).

Jirriżulta wkoll illi għandhom ukoll diversi investimenti elenkati mal-Malta Stock Exchange u dana kif jirriżulta mid-Dokument SS1.[35]

Il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[36] tallega illi hemm xi flus depożitati l-Qorti permezz ta' ċedoli kif ukoll polza

---

[31] Dokument ADT1, fol. 755
[32] Fol. 46 tal-proċess
[33] Dokument fol. 754
[34] Kontro-eżmi tal-konvenuta, tal-20 ta' Frar 2015, fol,. 870
[35] Fol. 724
[36] Fol. 897 et seq.

t'assigurazzjoni dwar il-ħajja mal-Middlesea. Dwar dan fl-atti ma tirriżulta **ebda** prova. Tkompli tgħid li dejjem kienet hi li ħallset għall-premiums annwali tal-polza, li għaldaqstant għandha tiġi asssenjata lilha.

Issemmi wkoll li l-partijiet xtraw diversi għamara fi-żwieġ, liema għamara qed igawdiha l-konvenut waħdu. Hija tikkontendi li għandha titħallas ekwiparazzjoni għal xi kamra tas-sodda jew li l-istess għamara tiġi assenjata lilha. Dan ukoll **lanqas ġie minimament ippruvat**.

Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha kif ġej:

- Tassenja lir-rikorrenti l-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni GDM171;
- Tassenja lill-intimata l-vettura Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni JUL798;
- Tassenja lil kull wieħed mill-partijiet kull kont bankarju, investiment u polza t'assigurazzjoni intestata f'ismu;
- Tordna illi l-kontijiet bankarji, investimenti u poloz t'assigurazzjoni konġunti jiġu mwaqqfa u magħluqa u dak kollu minnhom żbankat jiġi assenjat b'mod ugwali bejn il-partijiet;

## 5. <u>Dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 sa 51</u>

Permezz tar-raba' talba tiegħu, l-attur talab illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta tagħmel l-istess fil-ħames talba tagħha. Il-firda personali motivata mill-abbandun u l-adulterju ġġib magħha,

skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[37];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Fil-każ odjern, it-tortijiet imputabbli liż-żewġ partijiet huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati f'dan l-Artikolu. Il-Qorti għaldaqstant ser tiddikjara illi l-partijiet tilfu d-drittijiet ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin ai termini tal-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili; ukoll illi huma tilfu d-dritt għan-nofs l-akkwisti li għamlu kemm ilhom mifrudin *de facto*.

## 6. Dwar il-krediti u propjeta` tal-intimata

[37] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tagħmel lista ta' oġġetti li, skont hi, huma dotali tagħha. L-eżistenza ta' dawn l-oġġetti kollha m'hijiex ippruvata, u lanqas ma nġiebet l-iċken prova dwar fejn jistgħu jinsabu dawn l-oġġetti.

Min-naħa tiegħu, l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[38] isemmi ċurkett u msielet tad-djamanti li huwa ta lil martu bħala donazzjoni fiż-żwieġ. Dwar dawn ukoll ma nġiebet ebda prova u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, fir-rigward tat-**talbiet attriċi,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;
[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tawtorizzah jgħix separatament mill-intimata;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti limitament billi tiddikjara illi l-partijiet tilfu d-drittijiet ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin ai termini tal-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili; ukoll illi huma tilfu d-dritt għan-nofs l-akkwisti li għamlu kemm ilhom mifrudin *de facto*.

[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet;

[6] Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti billi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u

[38] Fol. 926 et seq.

- Tassenja lir-rikorrenti l-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni GDM171;
- Tassenja lill-intimata l-vettura Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni JUL798;
- Tassenja lil kull wieħed mill-partijiet kull kont bankarju, investiment u polza t'assigurazzjoni intestata f'ismu;
- Tordna illi l-kontijiet bankarji, investimenti u poloz t'assigurazzjoni konġunti jiġu mwaqqfa u magħluqa u dak kollu minnhom żbankat jiġi assenjat b'mod ugwali bejn il-partijiet;

Dwar it-**talbiet tal-konvenuta** fil-kontro-talba, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-intimata u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tal-intimata;

[3] Tiċħad it-tielet talba tal-intimata;

[4] Tilqa' r-raba' talba tal-intimata billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha billi :

- Tassenja lir-rikorrenti l-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni GDM171;
- Tassenja lill-intimata l-vettura Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni JUL798;
- Tassenja lil kull wieħed mill-partijiet kull kont bankarju, investiment u polza t'assigurazzjoni intestata f'ismu;
- Tordna illi l-kontijiet bankarji, investimenti u poloz t'assigurazzjoni konġunti jiġu mwaqqfa u magħluqa u dak kollu minnhom żbankat jiġi assenjat b'mod ugwali bejn il-partijiet;

[5] Tilqa' l-ħames talba tal-intimata limitament billi tiddikjara illi l-partijiet tilfu d-drittijiet ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin ai termini tal-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili; ukoll illi huma tilfu d-dritt għan-nofs l-akkwisti li għamlu kemm ilhom mifrudin *de facto*.

[6] Tiċħad is-sitt talba tal-intimata;

[7] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur